MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR. CONSUELO-PILAR SCERRI HERRERA

Seduta tad-19 ta' April, 2007

Numru. 245/2005

**Il-Pulizija**
**Spettur Maurice Curmi**

**vs**

**PAWLU CIANTAR bin Joseph u Mary nee' Haber imwieled fit-tlettax ta' Ottubru, 1944 u residenti "Ciantar", Mgarr Road, Ghajnsielem, Ghawdex, detentur tal-karta tal-identita numru 80644G**

**Il-Qorti;**

Rat illi l-imputat **PAWLU CIANTAR** bin Joseph u Mary Nee Haber imwieled fit-tlettax ta' Ottubru, 1944 u residenti "Ciantar", Mgarr Road, Ghajnsielem, Ghawdex, detentur tal-karta tal-identita numru 80644G gie mressaq quddiemha u akkuzat talli fil-limiti ta' Ghajnsielem,

Ghawdex, tul dawn l-ahhar tlett snin, sa mit-tnax [12] ta' April 20055 u sal-gurnata ta' llum, ostakola lil Carmelo u Louis Cauchi t-tnejn mix-Xewkija, milli jaccedu liberament ghar raba taghhom li jinsab fl-inhawi maghrufa bhala "Tax-Xatt l-Ahmar", u dan bla hsieb li jisraq jew li jaghmel hsara kontra l-Ligi izda biss biex jezercita dritt/jedd li jippretendi li ghandu, jew inkella fixkel lill-ahwa Cauchi hawn fuq imsemmija fil-pussess ta' hwejjighom, jew b'xi mod iehor kontra l-Ligi dahal fi hwejjeg haddiehor.

Rat l-atti kollha tal-kawza w id-dokumenti kollha esibiti nkluz l-okkorrenza esibita bhala dokument PS, kopja tal-mandat t'inibizzjoni dokument A u l-ittri legali dokumenti B u C.

Semghet lix-xhieda kollha prodotta mill-prosekuzzjoni u cioe lil PS 187 Mario Cassar, lil Carmelo Cauchi, lil Louis Cauchi, lil Tony Mercieca, lil Ganni Azzopardi u lil Mario Corrieri.

Ikkunsidrat:

Illi peress li mill-provi prodotti l-akkuza ma tirrizultax ppruvata ghas-sodisfazzjon taghha, il-Qorti wara li rat l-artikolu tal-ligi partikolarment l-artikolu 85 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, tiddikjara li **ma ssibx lil imputat PAWLU CIANTAR hati tal-akkuza kif addebitata fil-konfront tieghu u tilliberah minnha**.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------